**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 90/15**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Omissis**

**Illum: 28 ta' April 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Omissis**;

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-sena 2012:

1) Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina piskotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2) Biegħ jew xort'oħra ttraffika il-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Art 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta` l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Marzu 2015;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2015, l-imputat wieġeb illi mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-28 ta' Frar 2018, id-difiża qajjmet l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* u dan stante li skont l-istess difiża, l-imputat kien diġa` nstab ħati dwar l-istess akkużi konċernanti l-*cannabis*[1];

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat ukoll fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2019, il-Qorti rrilevat illi minkejja li permezz tal-proċeduri odjerni, l-imputat jinsab akkużat b'reati kemm taħt il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll reati taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni esebiet <u>biss</u> l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fil-waqt illi l-Ordni ai termini tal-Kap. 31 baqa' ma ġiex esebit. Għaldaqstant, il-Qorti ssosspendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tisma' trattazzjoni tal-partijiet dwar dan il-punt;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar dan il-punt minnha ssollevat.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Nikolai Sant** jgħid illi l-investigazzjoni li wasslet għall-każ odjern bdiet fl-14 ta' Settembru 2012 u dan b'rabta mal-mewt ta' tfajla minorenni, li mill-investigazzjonijiet irriżulta illi kienet abbużat minn gass tal-*lighters* ġewwa San Pawl il-Baħar, waqt illi kienet fil-presenza tal-

[1] A fol. 34 tal-proċess.

ħabiba tagħha. L-Ispettur Sant jispjega kif huwa mar fuq il-post, u li tkellem ma' diversi persuni fosthom ma' omm il-minuri, ma' ċerta Mandy Cini, kif ukoll eventwalment mal-imputat odjern. Mill-investigazzjoni rriżulta illi dawn kienu jabbużaw mid-droga flimkien u illi l-istess imputat ġieli kien fornihom bid-droga. L-imputat kien anke ammetta li kien jagħmel użu mill-*cannabis* u li kien ipejjep *joint* kuljum. L-Ispettur għamel referenza għall-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat fil-15 ta' Settembru 2012 u għall-kontenut tagħha, liema stqarrija ttieħdet mill-Ispettur Jesmond J. Borg. Ix-xhud ma kienx preżenti għal din l-istqarrija. Huwa esebixxa l-istess stqarrija[2], kif ukoll kopja tad-dikjarazzjoni tal-imputat ta' rifjut tal-jedd għall-parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu[3] u r-rapport tal-inċident[4].

**In kontro-eżami**, ix-xhud jgħid meta mistoqsi jekk l-imputat kienx informah hu li kien jabbuża mill-*ecstasy*, illi "*Nahseb li hemm fl-istqarrija fuq il-cannabis biss. Jista' jkun hemm xi konfessjonijiet ohra verbalment*".[5]

2. **PC 364 David Borg** xehed b'rabta mal-mewt tat-tfajla u kif saret tfittxija ġewwa r-residenza tal-istess tfajla ġewwa San Pawl il-Baħar, fejn kienet tgħix ma' ommha, mil-liema residenza kienu ġew elevati xi oġġetti bħal tliet ċilindri tal-gass tal-*lighters*, xi traċċi suspettati tal-*cannabis* u *bong*.[6]

3. **PC 1183 Oliver Borg** xehed illi huwa kien xhud tad-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għall-parir legali tal-imputat.[7]

4. **L-Ispettur Jesmond J. Borg** għamel referenza għall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-15 ta' Settembru 2012, wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, u wara li ngħata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. L-istqarrija ttieħdet fil-presenza ta' Fiona Maria Aquilina, stante li l-imputat kien minuri fiż-żmien in kwistjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

**<u>Dwar l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*</u>**

[2] Ara a fol. 12 sa 15 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 20 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 16 sa 19 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 11 tal-proċess. Ix-xhieda tal-Ispettur Nikolai Sant tinsab a fol. 7 sa 11 tal-proċess.
[6] Ara din ix-xhieda a fol. 21 u 22 tal-proċess.
[7] A fol. 20 tal-proċess.

Jirriżulta mill-atti illi dak li ta lok għal dan il-każ kienet investigazzjoni sussegwenti għall-mewt ta' minorenni nhar l-14 ta' Settembru 2012, waqt liema investigazzjoni ġie mitkellem *inter alia* l-imputat odjern, li da parti tiegħu rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar il-15 ta' Settembru 2012. Jidher mill-atti proċesswali illi l-imputat ġie mressaq dwar l-akkużi mertu tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fid-dawl ta' din l-istess stqarrija rilaxxjata minnu, li fiha huwa għamel numru ta' dikjarazzjonijiet inkriminanti li wasslu sabiex jiġi mixli b'dawn l-istess imputazzjonijiet.

Id-difiza qed tissolleva l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* fid-dawl ta' sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta nhar id-9 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Omissis', li permezz tagħha, l-imputat f'dak il-każ li huwa l-istess imputat fil-każ tal-lum, ġie misjub ħati tar-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u dan b'referenza għall-14 ta' Ottubru 2012 u l-jiem ta' qabel dik id-data.[8] Jirriżulta wkoll mill-istess sentenza, illi f'dak il-każ, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni misjuba kontra tiegħu u ġie misjub ħati tal-istess ai termini tal-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, huwa ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sena.

Jirriżulta wkoll mill-atti tal-proċess odjern u speċifikatament mill-istqarrija tal-imputat tal-14 ta' Ottubru 2012 esebita mid-difiża f'dawn l-atti[9], liema stqarrija ttieħdet lilu in konnessjoni ma' investigazzjoni separata li wasslet għall-proċeduri anteċedenti għal dawk tal-lum u li ġew deċiżi bis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2013, illi f'dik l-istqarrija l-imputat qal illi huwa pejjep l-ewwel darba l-*cannabis* xi sena qabel (jiġifieri għall-ħabta ta' Ottubru 2011) u illi l-aħħar li pejjep il-*cannabis* kien xi xahar u ġimgħa qabel (jiġifieri għall-ħabta ta' Settembru 2012). Jirriżulta wkoll mill-istess stqarrija illi f'dak il-lejl (ossia fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Ottubru 2012 la darba l-istqarrija ttieħdet fl-14 ta' Ottubru 2012 fl-10:00 a.m.), l-imputat instab fil-pussess tal-*cannabis* u li kienet l-intenzjoni tiegħu li jpejjipha. Jgħid ukoll fl-istess stqarrija meta mistoqsi jekk qatt biegħx jew ta lill-ħaddieħor xi tip ta' droga, illi huwa qatt ma biegħ droga u mistoqsi jekk qatt ġie mitkellem mill-pulizija fuq droga, huwa jgħid illi ġie mitkellem darba biss mill-Ispettur Jesmond Borg.

Jirriżulta għalhekk illi dik l-investigazzjoni li tat lok għall-proċeduri deċiżi bis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2013, skattat mill-fatt illi l-imputat instab fil-pussess tal-*cannabis* u illi ma kellha x'taqsam xejn mal-investigazzjoni li tat lok għall-proċeduri odjerni, tant illi dik l-investigazzjoni seħħet wara l-investigazzjoni dwar il-każ odjern.

---

[8] Ara din is-sentenza esebita a fol. 36 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 67 tal-proċess.

Hawnhekk il-Qorti tirrileva għall-fini ta' korrettezza, illi wara li hija rat l-istqarrija tal-imputat tal-14 ta' Ottubru 2012, innutat illi hemmhekk l-imputat jitkellem dwar il-blokka ossia r-raża tal-*cannabis* u <u>mhux dwar il-pjanta tal-*cannabis*</u>, u għalhekk stante illi s-sentenza esebita fl-atti ssib ħtija fl-imputat dwar il-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u mhux tar-raża meħuda mill-pjanta, hija marret lura għall-atti tal-proċess diġa` deċiż sabiex tistħarreġ din id-diskrepanza. Minn dawk l-atti effettivament jirriżulta illi l-imputat f'dawk il-proċeduri ġie akkużat bir-reat ta' pussess tar-raża u mhux tal-pjanta tal-*cannabis*, u din il-Qorti meta għaddiet għas-sentenza, *di proprio pugno*, niżżlet *inter alia* l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirreferi għar-raża tal-*cannabis* u mhux għall-pjanta tal-*cannabis*. Madankollu għal xi raġuni u x'aktarx erronjament, meta din is-sentenza tal-Qorti ġiet dattilografata, l-imputazzjoni ġiet indikata bħala pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u l-artikolu relevanti fid-deċide tal-Qorti ġie indikat erronjament bħala l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Kienet vera kopja ta' din is-sentenza żbaljata li eventwalment ġiet esebita fl-atti tal-proċeduri odjerni.

Dwar dan, huwa evidenti illi għalkemm il-vera kopja tas-sentenza esebita in atti hija żbaljata, m'hijiex is-sentenza li kitbet din il-Qorti kif preseduta *di proprio pugno*, iżda l-kopja uffiċjali tas-sentenza li ħarġet id-Deputat Reġistratur ta' dak iż-żmien, li tipprevali bħala s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat odjern.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs Raymond Parnis**</u> tal-14 ta' Marzu 2011 fejn ingħad hekk f'ċirkostanzi tassew simili għal dawk tal-lum u fejn allura kien hemm diskrepanza bejn dak li niżżlet il-Maġistrat fl-appunti tagħha u dak li ġie dattilografat:

> "Wara li l-Qorti rat l-atti tal-kawza specifikament l-appunti li kitbet il-Magistat fis-sentenza kif ukoll il-kopja ufficjali, tikkonferma illi l-raba' akkuza hija nieqsa mill-konsiderazzjonijiet illi jidhru fil-kopja ufficjali. Dan jidher illi huwa zball tat-traskrittur illi bi zvista jew ghal xi haga ohra naqas milli jipproduci ezatt dak illi kitbet il-Magistrat.
>
> <u>Jinghad mill-bidu nett li hija l-kopja ufficjali mahruga mid-Deputat Registratur illi jaghmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti jew is-sentenza li tkun miktuba mill-Magistrat</u>. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-Pulizija vs Albert Bezzina 25.07.1994 intqal:
> "*il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-*

*kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. .........*"

Dana stabbilit u ovvju pero' illi hemm diskrepanza bejn il-punti li kitbet il-Magistrat u s-sentenza ufficjali, liema diskrepanza hija sforz *lapsus* jew zball tekniku tad-Deputat Registratur.

Peress illi huwa dmir tal-Qorti illi ssalva kemm jista' jkun l-atti, ma thossx illi ghandha tmur ghall-estrem tan-nullita' tas-sentenza, aktar u aktar meta dan l-izball jista' facilment jigi rrangat u dak li qalet il-Magistrat jista' jigi riprodott fedelment fis-sentenza ufficjali.

Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi mill-eccezzjoni tan-nullita' imqajjma mill-Avukat Generali billi tichad l-istess, izda tordna illi l-atti jintbaghtu lura lill-Ewwel Qorti halli d-Deputat Registratur johrog kopja ufficjali ohra w jirriproduci fedelment dak illi qalet il-Magistrat fis-sentenza taghha." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fil-każ odjern, madankollu, kuntrarjament għaċ-ċirkostanzi li kellha quddiema l-Qorti fil-każ ċitat, is-sentenza in kwistjoni għaddiet in ġudikat u għalhekk m'hemmx rimedju għall-iżball li sar.

Fi kwalunkwe każ, irid jingħad ukoll illi bis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2013, l-imputat instab ħati, tajjeb jew ħażin, tal-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* b'referenza għall-14 ta' Ottubru 2012 u l-jiem ta' qabel. Huwa evidenti illi minkejja li l-każ tal-lum jirreferi għas-sena 2012, l-investigazzjoni li wasslet għal dawn il-proċeduri skattaw nhar l-14 ta' Settembru 2012 u l-istqarrija tal-imputat, li kif ingħad, fuqha ġew ibbażati t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, ittieħdet fil-15 ta' Settembru 2012 u għalhekk dawn l-imputazzjonijiet jirreferu għal dak li seta' seħħ qabel din id-data u mhux wara. Jirriżulta ċar illi għalkemm it-tieni investigazzjoni seħħet xahar biss wara l-ewwel investigazzjoni, iż-żewġ każijiet kienu totalment distinti minn xulxin u in oltre fil-waqt illi fl-ewwel każ deċiż bis-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2013, l-imputat instab ħati dwar il-pussess tiegħu tal-pjanta tal-*cannabis* f'Ottubru 2012 (ossia fl-14 ta' Ottubru 2012 u l-jiem ta' qabel), il-każ odjern ġie mressaq u jrid jiġi neċessarjament ikkunsidrat fil-parametri ta' dak li seħħ fiż-żmien ta' Settembru 2012 u ż-żmien ta' qabel din id-data.

Illi l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* jeħtieġ li tiġi eżaminata minn din il-Qorti fid-dawl tal-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fid-dawl tal-ġurisprudenza fir-rigward.

L-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> "Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."

L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:

> "Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat."

Dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi ġew studjati u analizzati f'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, fosthom dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs George Azzopardi** tat-23 ta' Jannar 2014, fejn fiha ġie spjegat hekk:

> "L-ewwel Qorti tidher illi tat tifsira pjutost wiesgha ghall-fatt illi persuna tkun akkuzata ghall-istess fatt li tkun suggetta ghal kawza ohra, fil-fatt fis-Sentenza taghha qalet, "Illi ma hemmx id-dubju illi r-reati li dwarhom instab hati l-imputat fis-Sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010 u r-reati li dwarhom huwa jinstab akkuzat illum kollha jirreferu ghall-istess incident u cioe' l-istess fatti li sehhew fl-24 ta' Jannar, 2009." Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi tista tifhem illi hawn **si tratta ghal dan l-istess incident zgur pero' mhux ghall-istess fatti**. [enfasi ta' din il-Qorti]
>
> Ikkunsidrat.
>
> Dak illi gara fl-24 ta' Jannar, 2009 meta gie arrestat l-appellat jirreferi ghal **zewg reati nettament distinti u separati minn xulxin**. Wiehed jirreferi ghall-lottu klandestin u l-iehor jirreferi ghat-tehid tad-droga. Il-fatti u l-provi li jirreferu ghal wahda zgur ma jirreferux ghall-iehor. Hekk insibu illi fil-kaz tal-lottu klandestin il-provi jirreferu ghad-dokument, kotba, notamenti u flus illi nstabu fuq l-appellat dakinhar illi gie arrestat. Il-provi illi jirreferu ghall-akkuza kontra l-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi jirreferi ghan-nuqqas ta' awtorizazzjoni ghal pusses ta' din id-droga u l-kwantita taghha u c-cirkostanzi illi kienet fil-pussess ta' l-appellat. L-ewwel Qorti gustament ikkwotat il-kawza "Sua Maesta il-Re vs Agatha Mifsud u Carmelo Galea" (15 ta' Gunju, 1918) fejn ikkwotat gurisprudenza Ingliza u cioe` "The true test by which the question whether such a plea (ie autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second endowment would have been sufficient

> to proof a legal conviction upon the first." F'dan il-kaz zgur li **ma jistax jinghad illi l-provi migbura fit-tieni process, cioe' dan il-kaz kellhom ikunu bizzejed sabiex jippruvaw htija dwar l-ewwel reat**, dak ta' lottu klandestin. Ghalhekk ma nistghux nghidu illi hawnhekk si tratta ta' l-istess fatti u l-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali ma japplikax. Ghal dak li jirrigwardja l-Artiklu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-kliem testwali illi jorbot kollox huwa, "Ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat . . .". L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lil din id-dicitura hi li **persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghall-akkuzi li dwarhom diga ghadda ingudikat jekk l-akkuzi l-godda setghu jigu nkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza.** Per ezempju jekk ghall-istess fatt persuna tigi misjuba hatja ta' serq ma tistax tigi mresqa f'kawza ohra ghall-istess fatt din id-darba akkuzat b'misapproprazzjoni. Jghodd ukoll l-ezempju li gab l-Avukat Generali meta persuna tkun mixlija bir-reat ta' tentattiv ta' omicidju f'kaz wiehed u ghall-istess cirkostanzi u fatt ikun mixli f'kaz iehor ghal ferita gravi u dana peress illi **wiehed huwa kompriz u nvolut fl-iehor**. Forsi ghall-ahjar soluzzjoni ta' din il-vertenza jkun ghaqli illi l-Qorti tirrikorri ghall-origini ta' din id-dicitura ne bis in idem u cioe' ghad-dritt Roman fejn dana jghallem illi, "Nemo debet bis vexari si constat curie quodsit pro una et eadem causa" Hadd ma ghandu jigi pprocessat darbtejn jekk jigi ppruvat lill-Qorti jekk dana huwa, "For one and the same cause". Taht l-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma nistghu nghidu illi l-akkuza kontra l-lottu klandestin hija l-istess bhall-akkuza kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Kif ga nghad ghad illi dan l-incident huwa wiehed il-persuna hija wahda pero' l-fatti li jirrigwardjaw akkuza minnhom huma ferm differenti mill-fatti illi jirrigwardjaw it-tieni akkuza u zgur illi hawnhekk m'ghandniex one and the same cause." [enfasi ta' din il-Qorti]

Eżami studjat ta' dan il-prinċipju sar ukoll minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Anthony Cassar) vs Ramon Mifsud Grech et</u>** deċiża nhar il-5 ta' Novembru 2012, fejn il-Qorti irriteniet u spjegat hekk dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem*:

> "Illi l-principju tan-*ne bis in idem* jinsab imhaddan mhux biss fid-dritt penali taghna u cioé fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hemm distinzjoni netta bejn dana il-principju kif inhu imhaddan fil-Kodici Kriminali u dak imhares mill-Kostituzzjoni taghna, kif ukoll distinzjoni ma' dak dikjarat fir-raba' artikolu tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni. Mentri Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghall-*"istess fatt*", Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jirreferi ghall-*"[istess] reat."*

[…]

… l-Kodici Kriminali jippostula zewg elementi importanti: fl-ewwel lok, irid ikun hemm sentenza fejn l-imputat jigi liberat mill-akkuzi u, fit-tieni lok, illi l-istess persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess *"fatt"* (u mhux l-istess *"reat"*). A rigward il-kriterji rikjesti mill-Artikolu 527, jirrizulta illi l-imputati tal-kawza odjerna huma l-istess imputati tas-sentenza tat-23 ta' April 2012. Diga gie sottolineat aktar qabel fejn tinsab id-differenza bejn iz-zewg kawzi. Jirrizulta li l-imputazzjonijiet originali, ghajr ghal tnejn (li thallew barra), gew trasportati fil-kawza odjerna u d-differenza bejn l-akkuza li ghaddiet in gudikat u dik odjerna hija li f'din ta' l-ahhar il-hin huwa "*fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi t-tlieta u nofs ta' fil-ghodu*" mentri fil-kaz deciz f'April 2012, l-akkuza kienet: "*fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija"*. Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru huwa jekk dawn iz-zewg akkuzi jammontawx ghall-istess *"fatt"* skond id-dispost talArtikolu 527 tal-Kapitolu 9.

Illi fin-noti tieghu, il-Profs Mamo jghid hekk:

"But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953)".[10]

Illi l-Profs Mamo jghid ukoll is-segwenti:

"What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the <u>same fact</u>. In "**Rex vs. Agata Mifsud et**" (15/5/1918) Law Reports, Vol. XXIII, p. 1, p. 1077, H.M.'s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita' del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita". In other words, if the <u>fact</u> on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgment was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial".[11]

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Vella et**[12], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

---

[10] "Notes on Criminal Procedure", *a fol.* 45.
[11] "Notes on Criminal Procedure", *a fol.* 43-44.
[12] Deċiża fid-19 ta' Frar 1999.

**“Bl-espressjoni l-istess att wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta’ kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett**: Hekk per ezempju min f’okkazzjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta ta’ haddiehor u f’okkazzjoni ohra jerga’ jaghmel l-istess tip ta’ hsara fuq l-istess proprjeta’ ma jista’ bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata.” [enfasi ta’ din il-Qorti]

Illi ta’ min jinnota li fil-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Cini**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Lulju 1996, il-Qorti trattat l-eccezzjoni ta’ *ne bis in idem* f’reat li sehh ftit hin qabel reat iehor li kien ghadda in gudikat. Kif irriteniet dik il-Qorti:

“l-imputazzjonijiet f’dik is-sentenza l-ohra jirreferu ghal incident li gara qabel, ghalkemm fl-istess gurnata, u fl-istess lock up, cioé ghall-incident li sehh xi siegha u nofs (1.30pm) ta’ wara nofs inhar”.

Dik il-Qorti ghalhekk iddecidiet li l-fatti ma kienux l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi f’kaz simili hafna ghal dak odjern, cioé il-kaz **Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali laqghet l-eccezzjoni ta’ *ne bis in idem* in segwitu ta’ bidla fil-hin ta’ meta allegatament sehhew l-imputazzjonijiet kontra l-imputat. In segwitu ta’ din id-decizjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza taghha tas-17 ta’ Marzu 2008 qalet hekk:

“it-test biex wiehed jistabilixxi jekk hix applikabbli l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, huwa dak citat mill-istess appellat fil-kawza **Sua Maesta’ il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea** [15.6.1918] u cioé fejn intqal li:

*“un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola “non bis in idem” é quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra.* ***“The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first”.***

Illi, in segwitu ta’ dan ir-ragunament, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li l-eccezzjoni ta’ *ne bis in idem* ma kienitx applikabbli u b’hekk is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati giet revokata. Minkejja dan,

l-imputat f'dik il-kawza ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn il-Qorti iddecidiet illi kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu meta gie sottopost ghall-proceduri godda dwar l-istess reati li dwarhom kien gie precedentement akkuzat u illiberat mill-qorti. Illi din is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai Christian) Magrin**, deciza fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) ghamlet analizi tajba tal-principju kif jinsab imhaddan fil-ligi taghna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali. F'din is-sentenza, il-Qorti qalet is-segwenti:

"Illi huwa wkoll stabilit[13] li l-principju tan-*ne bis in idem* imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process.

[...]

Illi [...] dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lill-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwa sew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali.

[...]

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqies li jehtieg jintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.

[...]

Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa principju accettat li, bi thaddim tar-regola *ne bis in idem*: "*The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act.*[14]

---

[13] Qorti Kostituzzjonali, 4.8.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Fenech vs. Avukat Ġenerali** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213).

[14] App. Krim. Inf. 15.11.1941 fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar** (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding).

Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira moghtija lill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali hija b'mod tali li izzomm milli persuna terga' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diga' tressqet taht procedura li ntemmet b'sentenza li saret gudikat, wiehed jistenna li t-thaddim tar-regola migjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ghandu jkun jghodd izjed biex ihares dak il-jedd. Fi kliem iehor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistghux ikunu applikati b'xehha jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li taghti l-ligi ordinarja kif tinsab fil-Kodici Kriminali".

Illi jkun ghaqli li ssir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti fis-sentenza t'hawn fuq, meta din ghamlet riferenza diretta ghal dak li kellha quddiemha. Il-Qorti qalet:

"Illi meta wieħed iqabbel l-akkużi mressqin kontra l-imputat fl-ewwel procedura ma' dawk li qegħdin jitressqu issa fit-tieni procedura, wieħed għandu jsib li l-akkużi kollha f'din it-tieni procedura kienu msemmija, kelma b'kelma, fl-ewwel akkuża (liema Taħrika kellha tliet imputazzjonijiet oħra li ma jiffigurawx fit-tieni procedura). Id-dispożizzjonijiet tal-ligi msemmija fiż-żewg Taħrikiet huma l-istess fejn jirrigwarda l-akkużi komuni. Il-fatt li għalih jirreferu ż-żewg Taħrikiet huwa l-istess.

Illi din il-Qorti tislet il-fehma li l-imputat għandu ragun iħoss li, bit-tieni procediment li qiegħed jgħaddi minnu, qed iseħħ ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Meta wieħed iqabbel l-akkużi li kellu fl-ewwel proeediment ma' dawk li tressqu kontrih fil-procediment attwali, wieħed isib li c-cirkostanza ewlenija li tagħżel bejn tal-ewwel u tat-tieni hija l-ħin li fih allegatament seħħ il-każ. **Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kostitutivi (l-"elementi essenzjali"), jigifieri kemm dak materjali (l-"*actus*") u kemm dak formali (il-"*mens*") tar-reati ipotiżżati fiż-żewg akkużi kontra r-rikorrent, jixxiebhu f'kollox**. Il-ħin m'huwiex element kostitutiv tagħhom, u l-istess reati – jekk ippruvati kif imiss – jitqiesu bl-istess mod indipendentement mill-ħin li fih twettqu.[15] Lanqas ma jidher li huwa l-każ li l-ħin jikkostitwixxi xi element aggravanti ta' dawk ir-reati, iżda huwa biss cirkostanza oħra li trid tirriżulta kif imiss biex torbot lill-persuna akkużata mal-fatt tal-grajja nnifisha.

Illi l-Avukat Generali jisħaq li d-differenza fil-ħin bejn dak imsemmi fl-ewwel akkuża (li minnha r-rikorrenti nħeles) u dak imsemmi fit-tieni akkuża (li dwarha tressqet din irRiferenza) jagħmel non-"*idem*"

[15] Ara f'dan ir-rigward, QEBD 26.7.2007 fil-każ **Schutte vs Awstrija** (Applik. Nru. 18015/03) §§ 41-2.

għaliex jgħid li l-ħin tant kien element krucjali, li minħabba n-nuqqas ta' indikazzjoni tajba tiegħu r-rikorrent inħeles mill-akkużi migjuba kontrih. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument, l-iżjed meta tkejlu mal-kriterji gurisprudenzjali msemmija aktar 'il fuq dwar x'jikkostitwixxi l-identita' tal-akkuża għall-finijiet tar-regola hawn mistħarrga.

Illi għall-finijiet tal-istħarrig ta' xejra kostituzzjonali li din il-Qorti ntalbet tagħmel, lanqas ma jidher li huwa rilevanti jekk ir-ragunament li wassal lill-Qorti tal-Magistrati biex teħles lill-imputat mill-akkużi fl-ewwel prociment kienx ragunament tajjeb jew jekk din il-Qorti taqbilx miegħu. Din il-Qorti lanqas tidħol fil-kwestjoni jekk messhiex intalbet waqt dawk il-procedimenti xi korrezzjoni dwar il-ħin li fih seħħ l-incident. Dak li jikkoncerna lil din il-Qorti hu jekk fil-fatt jeżistix il-gudikat li jżomm milli persuna terga' tgħaddi minn process ieħor dwar l-istess fatti li jkunu l-bażi ta' dak il-gudikat.[16] F'dan il-każ, il-prova tas-sentenza li għaddiet f'gudikat saret u toħrog mill-atti tar-Riferenza nnifishom.

Illi fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-proceduri pendenti kontra l-imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati qiegħdin jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni".

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali, din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tad-difiża illi f'dan il-każ issib applikazzjoni l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* b'referenza għall-imputazzjonijiet addebitati lilu.

Dak li jrid jigi determinat huwa jekk ir-reati diversi u distinti illi ġew addebitati lill-imputat, humiex imsejsa fuq l-istess fatti.

B'referenza għall-ġurisprudenza ċitata iżjed 'il fuq, huwa evidenti illi l-inċidenti kienu tnejn separati. Inċident minnhom seħħ fl-14 ta' Ottubru 2012 meta l-imputat ġie mwaqqaf mill-pulizija u nstab illi kien fil-pussess tar-raża tal-*cannabis*. F'dak il-każ, l-imputat mistoqsi x'tip ta' *cannabis* kien ipejjep, jirreferi għall-blokka ossia r-raża tal-*cannabis* u mbagħad ikompli jitkellem dwar l-użu li kien jagħmel mir-raża tal-*cannabis*.

Il-każ tal-lum jirreferi għal perjodu ta' żmien aktar ġeneriku u ċioe` għas-sena 2012. Żgur illi kien ikun aktar għaqli li kieku l-Prosekuzzjoni indikat perjodu ta' żmien iżjed speċifiku, madankollu anke minn qari tal-inkartament proċesswali,

[16] Ara App. Krim. Inf. 24.2.1947 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Quintano** (Kollez. Vol: XXXIII.iv.591).

jirriżulta ċar illi l-akkużi mressqa kontra l-imputat fil-każ tal-lum jirreferu għal żmien qabel il-15 ta' Settembru 2012, meta ttieħdet l-istqarrija tal-imputat wara l-mewt ta' tfajla minorenni fl-14 ta' Settembru 2012. Fil-fatt, anki l-provi li tressqu fil-każ odjern huma marbuta unikament ma' dak l-inċident u l-avvenimenti ta' qabel.

Jirriżulta wkoll illi fil-każ deċiż bis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Ottubru 2013, il-provi li setgħu jitressqu f'dak il-każ mill-Prosekuzzjoni sabiex issostni l-każ tagħha, kienu s-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat ossia r-raża tal-*cannabis* u l-istqarrija tiegħu li fiha huwa jitkellem esklussivament dwar ir-raża tal-*cannabis*. Fil-każ odjern, il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni in konnessjoni mal-imputazzjonijiet li għandha quddiemha l-Qorti llum hija biss l-istqarrija tal-imputat tal-15 ta' Settembru 2012, li fiha jitkellem kemm dwar l-użu minnu tar-raża, kif ukoll dwar l-użu tal-pjanta tal-*cannabis*. Veru wkoll illi a bażi tal-istqarrija tal-14 ta' Ottubru 2012, il-Prosekuzzjoni setgħet f'dak il-każ ressqet lill-imputat fuq il-pussess tar-raża tal-*cannabis* mhux biss fl-14 ta' Ottubru 2012 u fil-jiem ta' qabel, iżda wkoll fis-sena ta' qabel fid-dawl ta' dak li jgħid l-istess imputat, imma dan m'għamlitux u effettivament u iżjed importanti, fil-każ tal-lum huwa lanqas tressaq dwar il-pussess tar-raża, iżda dwar il-pussess tal-pjanta. In oltre kif ingħad għalkemm is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2013 issib ħtija fl-imputat dwar il-pussess tal-pjanta, dan sar biss b'referenza għal żmien speċifiku u ristrett. Jingħad ukoll illi t-tieni imputazzjoni tal-lum hija għal kollox estraneja għal każ diġa` deċiż u f'dak il-każ, fid-dawl tal-istqarrija tal-imputat tal-14 ta' Ottubru 2012, żgur li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex bażi għal din l-imputazzjoni. L-istess fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Philip Ciantar</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Diċembru 1961:

> "Ghalkemm hu veru li bil-kelma "fatt" il-ligi tintendi mhux biss il-fatt sempliciment storiku jew naturali, imma anke guridiku, b'mod illi, jekk il-fatt naturali jaghti lok ghal diversi mputazzjonijiet, id-deduzzjoni ta' titolu ta' reat wiehed hija ta' ostakolu ghad-deduzzjoni ta' titolu ta' reat iehor fuq l-istess fatt, hu ugwalmentu veru, pero`, li, jekk il-fatt naturali hu divers, allura ma jistghax ikun hemm lok ghall-"non bis in idem".

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti ma tqisx illi jikkonkorru l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* dwar l-imputazzjonijiet tal-lum.

**Ikkunsidrat ukoll:**

**Dwar in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tesebixxi l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta**

Kif ingħad iżjed 'il fuq, fil-waqt illi l-Prosekuzzjoni esebiet l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, datat 11 ta' Novembru 2013, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti fil-kompetenza tagħha surreferita[17], l-Ordni tal-istess Avukat Ġenerali ai termini tal-Kap. 31 baqa' ma ġiex esebit f'dawn il-proċeduri, kif jirrikjedi l-Artikolu 120A(2) tal-istess Kap:

> "Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont kif jordna l-Avukat Ġenerali ..."

Dwar dan il-punt, id-difiża għamlet referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta tal-24 ta' April 2019 fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Andreana Caruana**. F'dak il-każ għalkemm l-imputata ġiet akkużata b'imputazzjonijiet dwar traffikar tal-*ecstasy*, pussess tal-*ecstasy* u pussess tar-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*, il-Prosekuzzjoni esebiet biss l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-25 ta' Marzu 2010 fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) vs Matthew Carter**, liema każ kien identiku għall-każ **Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Andreana Caruana** u dan fis-sens illi fil-każ ta' Carter, l-appellant ukoll kien akkużat b'imputazzjonijiet identiċi għal dawk tal-każ ta' Caruana u bħal fil-każ ta' Caruana, il-Prosekuzzjoni kienet esebiet biss l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, b'riżultat ta' liema wieħed mill-aggravji tal-appellant kien illi l-proċeduri kienu nulli u dan fid-dawl ta' tali nuqqas. F'dak il-każ, wara li l-ewwel Qorti, fuq ammissjoni tal-appellant, kienet sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kunsens tal-Avukat Generali bid-data 30 ta' Gunju, 2008 sabiex il-kawza tigi trattata w deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sar bis-sahha tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 jinsab esebit a fol. 5 tal-process.
>
> Kif tajjeb osserva l-appellant il-Qorti tal-Magistrati ma gietx moghtija awtorizzazzjoni biex tiddetermina l-ewwel zewg akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat[18] bis-sahha tal-artikolu 120A(2) tal-Kap. 31,

[17] Ara a fol. 5 tal-proċess.

[18] Dan kien qed jingħad b'referenza għall-akkużi ta' traffikar u pussess aggravat tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*.

> liema awtorizzazzjoni hija eskluza ghal kollox mill-kunsens tal-Avukat Generali tat-30 ta' Gunju, 2008.
>
> Jidher illi dan il-fatt sfugga l-partijiet waqt li kienu qeghdin jittrattaw il-kawza fl-ewwel stadju. Tant hu hekk illi fit-2 ta' Dicembru 2008 hemm verbal tal-ammissjoni tal-imputat (fol. 64) ...
>
> ...
>
> ...
>
> L-Ewwel Qorti ghaddiet ghal prolazzjoni tas-sentenza fis-6 ta' Lulju, 2009 u fil-parti konkluzzjonali taghha rreferiet ghall-artikolu 120A(1) u 120A(2) tal-Kap. 31 wara li ddikjarat lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kontra tieghu ... L-appellant issa qieghed jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx issibu hati tal-ewwel zewg akkuzi dawk li jirrigwardaw l-ecstasy peress illi l-Qorti tal-Magistrati ma kienitx awtorizzata tiddeciedi dak il-Kap bil-kunsens li kien ta l-Avukat Generali fit-30 ta' Gunju, 2008.
>
> Dan l-argument jidher li sab il-konfort ukoll tal-Avukat Generali fejn qabel ma l-appellant illi awtorizzazzjoni ma kienx hemm.
>
> ...
>
> Fl-isfond tas-suespost jidher illi huwa accettat illi ma kienx hemm kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-Qorti tal-Magistrati tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg akkuzi addebitati lill-appellanti. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kienitx awtorizzata tikkundanna lill-appellant ukoll ghal dawn iz-zewg kapi, dana minkejja l-ammissjoni tieghu registrata fil-verbal tat-2 ta' Dicembru, 2008.
>
> ...
>
> ... bin-nuqqas ta' kunsens tal-Avukat Generali, l-Qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundanna lill-imputat ghall-ewwel zewg akkuzi u dana nonostante l-ammissjoni inkondizzjonata tal-appellant."

Għaldaqstant, dik il-Qorti għaddiet sabiex tilqa' l-appell tal-appellant u annullat u rrevokat dik il-parti tas-sentenza li permezz tagħha huwa nstab ħati tal-ewwel u t-tieni akkużi taħt il-Kap. 31 u lliberatu minn kull imputazzjoni u ħtija dwar l-istess.

Fis-sentenza fuq ċitata, din il-Qorti għamlet referenza wkoll għall-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar 1996, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta'**

**Malta vs George Mifsud**, fejn dik il-Qorti għamlet analiżi dettaljata dwar il-funzjoni tal-Ordni tal-Avukat Ġenerali fi proċeduri dwar akkużi relatati ma' droga. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha, dik il-Qorti rreferiet kemm għat-test Malti tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll għal dak Ingliż li skont l-istess Qorti jispjega ċar u mingħajr ebda possibilita` ta' dubju, verament x'tipprovdi l-liġi. It-test Ingliż, f'dak il-każ, kien jaqra hekk:

> "Every person charged with an offence against this ordinance shall be tried in the Criminal Court or before the Court of Magistrates of Judicial Police as the Attorney General may direct ….".[19]

Il-Qorti kompliet hekk f'dan ir-rigward:

> "Ghal din il-Qorti huwa ovvju illi il-figura tal-Avukat Generali u l-funzjoni tieghu tidhol fix-xena mhux bhala pre-rekwizit biex jigu istitwiti proceduri penali taht il-Kap. 101 izda bhala pre-rekwizit ghal dik li hija ix-xelta ta' liema Qorti sejra tiggudika lill-imputat jew akkuzat skond il-kaz."

F'dak il-każ imbagħad saret referenza għal disposizzjonijiet li jinsabu f'liġijiet differenti biex turi d-distinzjoni li teżisti bejn il-każ kif regolat taħt l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 (u bl-istess mod bħalu taħt l-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-każijiet l-oħra fejn il-figura tal-Avukat Ġenerali temerġi mill-ewwel bħala prerekwiżit sabiex il-proċeduri jkunu jistgħu jiġu istitwiti. Hekk per eżempju, qalet dik il-Qorti, taħt il-Kap. 233 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregola il-Kontroll fuq il-Kambju, skont l-Artikolu 43, "*ma għandhom isiru ebda proċedimenti għar-reat kontra dan l-Att ħlief bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali*".

Il-Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward:

> "… huwa ovvju li f'kull kaz dak li l-ligi trid u qed timponi huwa illi qabel ma jkunu jistghu jinbdew il-proceduri, huwa rikjest sine qua non il-permess jew l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Generali …
>
> L-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 ma jghidx hekk. Dak li dan is-sub-artikolu jippreciza huwa illi il-Qorti li eventwalment sejra tiddeciedi l-kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet ta' dak il-kap, ma jaghziliex l-imputat kif jista' jaghmel prattikament fil-kazijiet kollha kriminali fejn jista' jkun hemm ix-xelta prevista mil-ligi, izda jaghzilha l-Avukat Generali.

[19] Illum it-test Malti tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 jgħid hekk: "Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond kif jordna l-Avukat Ġenerali …", fil-waqt illi t-test Ingliż jaqra hekk: "*Every person charged with an offence against this ordinance shall be tried in the Criminal Court or before the Court of Magistrates (Malta) or the Court of Magisrates (Gozo), as the Attorney General may direct*".

> Ghal din il-Qorti jekk wiehed jara it-test Malti u specjalment it-test Ingliz, dak li hemm previst f'dan is-sub-artikolu huwa illi f'kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 101, meta jittiehdu proceduri – u dawn jittiehdu mill-Pulizija li m'ghandhiex bzonn il-kunsens tal-Avukat Generali biex tibdihom – u jigu kompilati l-atti, ix-xelta dwar liema Qorti sejra tiddeciedi l-kaz, ma tispettax lill-akkuzat jew l-imputat bhal f'hafna kazijiet ohra, imma tispetta esklussivament lill-Avukat Generali …
>
> …
>
> Din il-Qorti fir-rigward tikkonfessa li ghal mument kellha xi ftit tad-dubju minhabba li s-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kap. 101 juza il-kliem "ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja". Pero` dan id-dubbju gie eliminat wara li kkonsidrat fl-ewwel lok it-test ingliz li kif jinghad juza l-kliem "shall be tried" u it-tieni, illi anke fit-test Malti l-istess sub-artikolu jibda bil-kliem "kull persuna akkuzata b'reat kontra din l-ordinanza". Dan igib lil din il-Qorti ghal unika konkluzjoni plawsibbli fit-termini ta' dan is-sub-artikolu, u cioe`, li ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Generali ma hija rikjesta mil-ligi biex jinbdew il-proceduri u li dak li hemm previst mil-ligi hija id-diskrezzjoni assoluta tal-Avukat Generali li jiddeciedi hu u mhux l-imputat mil-liema Qorti ser jigi gudikat l-istess imputat."

Fil-każ ta' Caruana, il-Qorti kkonkludiet illi:

> "Huwa evidenti għalhekk illi minkejja li l-proċeduri fil-każ ta' reati dwar droga jistgħu jinbdew mingħajr l-Ordni tal-Avukat Ġenerali, finalment id-diskrezzjoni dwar il-kompetenza u konsegwentement il-proċedura li għandha tiġi segwita (ossia jekk hux dik tal-qorti fil-kompetenza tagħha ta' Qorti Istruttorja jew ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ab initio jew hekk reża, permezz tal-Kontro-Ordni tal-istess Avukat Ġenerali) hija fil-liġi esklussivament vestita fl-Avukat Ġenerali. Konsegwentement il-Qorti ma tistax tużurpa dik id-diskrezzjoni u tagħmilha tagħha billi tiġġudika lill-imputata odjerna mingħajr l-Ordni tal-Avukat Ġenerali. La darba baqa' ma ġiex esebit dan l-Ordni taħt il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet li jikkontemplaw reati taħt il-Kap. 31. Fil-fehma tal-Qorti, lanqas ma tista' tgħaddi sabiex tillibera lill-imputata minn dawn iż-żewġ imputazzjonijiet u dan stante illi f'dak il-każ, xorta waħda tkun qegħda tiddeċiedi l-istess, minkejja n-nuqqas ta' awtoriżżazzjoni tal-Avukat Ġenerali li l-każ jinstema' u jiġi deċiż minnha fil-kompetenza tagħha surreferita."

Hawnhekk irid jingħad ukoll illi fit-trattazzjoni finali tagħha dwar dan il-punt, il-Prosekuzzjoni sostniet illi dan il-punt ġie deċiż mill-Qrati Superjuri diversi drabi

u illi skont din il-ġurisprudenza, l-Ordni tal-Avukat Ġenerali jista' jigi esebit anke fl-istadju tal-provi tad-difiża. Issa apparti li l-Prosekuzzjoni baqgħet ma rreferiet jew esebiet l-ebda ġurisprudenza f'dan is-sens, u apparti wkoll illi fil-każ odjern dan il-punt ġie sollevat mill-Qorti proprju fi stadju li fih kellha tgħaddi għas-sentenza, fis-sentenza ta' George Mifsud, fuq imsemmija, dik il-Qorti qalet ukoll illi:

> "Dik l-ordni kienet tkun rikjesta, u hija effettivament rikjesta mil-ligi, biex f'gheluq il-kumpilazzjoni, jekk ikun kemm bizzejjed provi, il-kawza tigi diretta jew inkanalata quddiem dik il-Qorti illi l-Avukat Generali, jkun stabbilixxa. Effettivament, jidher illi, strettament, l-Avukat Generali jekk irid, jista jistenna sa l-ezitu tal-kumpilazzjoni biex jiddecidi jekk l-imputat jigix gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali u f'dan il-kaz m'hemm hadd izjed li ghandu xelta hlief hu. Sakemm ikun hemm il-fakolta' ta' l-Avukat Generali li jirrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja, l-Avukat Generali jkollu ukoll il-fakolta' li jippreciza u jikkoregi l-inezattezzi kollha li jkun hemm fl-ordni tieghu."

Il-fakulta` tal-Avukat Ġenerali li jirrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja tispiċċa hekk kif jintbagħat minnu, lill-Qorti Istruttorja, il-Kontro-Ordni sabiex l-imputat jiġi ġudikat minn dik il-Qorti fil-kompetenza tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew inkella joħroġ l-Att ta' l-Akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fil-każ tal-lum, il-Qorti qed tisma' l-każ fil-kompetenza tagħha ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u għalhekk l-għeluq tal-kumpilazzjoni tista' tiġi ekwiparata fil-każ odjern, mal-għeluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni. Sa dan l-istadju, l-Ordni msemmi baqa' ma ġiex esebit mill-Prosekuzzjoni u għaldaqstant, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta, billi din tikkontempla reat taħt il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jibqa' għalhekk illi l-Qorti tiddeċiedi dwar it-tieni imputazzjoni li tikkontempla r-reat ta' traffikar tal-pjanta tal-*cannabis* u t-tielet imputazzjoni li tikkontempla r-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis*.

Qabel xejn, il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-15 ta' Settembru 2012 u għalhekk, fiż-żmien meta l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi l-jedd għall-assistenza legali lill-persuna arrestata u/jew suspettata waqt l-interrogatorju tagħha. Dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet

referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.
>
> 37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn

minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet <u>**Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et**</u> nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' <u>**Ibrahim and Others v. United Kingdom**</u> deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ

xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.
>
> ...
>
> 23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.
>
> 24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.
>
> 25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.
>
> 26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...
>
> 27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex

"volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ iżjed riċenti deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, f'liema każ il-posizzjoni legali kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, wara li rreferiet ukoll għall-każ **ta' Beuze v. Belgium**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, **illi ma jkunx għaqli** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet kunfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

"18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu

> mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess stqarrija, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.

Fil-każ odjern, fid-dawl tal-bqija tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, l-unika prova li tista' twassal sabiex l-imputat jinstab ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, hija <u>biss u unikament</u> l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li, jrid jingħad ukoll, kien minuri fiż-żmien li fih huwa rrilaxxja din l-istqarrija. Altrimenti skartata l-istqarrija, ma jibqgħux provi fl-atti li jistgħu jwasslu għal sejbien ta' ħtija fl-imputat. Għaldaqstant, huwa ċar illi kemm il-darba l-Qorti tqis l-istqarrija tal-imputat bħala prova f'dawn il-proċeduri, din ser ikollha impatt determinanti u deċiżiv fuq l-eżitu tal-istess.

Għalhekk fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrija tal-imputat u qegħda tiskartaha. Dan naturalmnent japplika wkoll għal dik il-parti tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur li fiha jirreferi għad-dikjarazzjonijiet tal-imputat meta mitkellem mill-pulizija jew għal dak li qal l-istess imputat fl-istqarrija tiegħu.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, *Omissis***</u>, il-Qorti tal-Appell

Kriminali għamlet rassenja tal-ġurisprudenza l-iżjed riċenti, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonixxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal **Beuze v. Belgium**, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-deċiżjoni, fosthom **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** fuq ċitata, kif ukoll **Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et** tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

> "Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Farrugia vs. Malta**, reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta' Beuze u kompliet hekk:

> "Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita'

> taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."

Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello** u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018, liema referenza ġiet deċiża billi l-Qorti ddikjarat illi:

> "fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ...".

Dan wara li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-każ kien kemmxejn differenti minn dak ta' Aldo Pistella, fuq ċitat, in kwantu kuntrarjament għal Pistella, Aiello kien irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli u lanqas irriżultat xi prova fis-sens illi ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tiegħu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, iżda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jiġi investigat u mressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali stante li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu 2020, fejn l-istess Qorti qieset ukoll illi:

> "21. L-istqarrija in kwistjoni <u>m'hijiex l-unika prova</u> għal dak li jirrigwarda x'ġara fit-18 ta' Ottubru, 2014. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura li fiha nstabet id-droga. Kif il-vettura niżlet minn fuq il-catamaran twaqqfet mill-pulizija li għamlu tfittxija u sabu d-droga fil-vettura. L-appellant stess meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, qal li l-pulizija arrestawh meta kellu d-droga." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:

> "Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.
>
> Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenza tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."

Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f'aspett speċifiku u ċioe` li f'kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti. F'dan il-każ, kif diġa` rriżulta mill-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti iżjed 'il fuq, għajr għall-istqarrija, m'hemmx provi oħrajn li jistgħu jsostnu t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat u għalhekk, il-Qorti tqis illi jkun perikoluż li ssib ħtija fl-imputat unikament u esklussivament a bażi ta' din l-istess stqarrija. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ odjern, l-istqarrija m'għandhiex tingħata valur probotarju.

Irid jingħad ukoll illi riċentement fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **<u>Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

> "26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.
>
> 27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti <u>Mehmet Zeki Celebi v. Turkey</u> (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:
>
>> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that <u>it is only in very exceptional circumstances</u> that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*
>
> 28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza <u>Ibrahim and Others v. the United Kingdom</u> tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza <u>Beuze v. Belgium</u> tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.
>
> 29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-

posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif ingħad iżjed 'il fuq, il-każ tal-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat odjern huwa bbażat fuq dak illi rriżulta lill-Pulizija mill-investigazzjonijiet li għamlet b'rabta mal-mewt ta' tfajla minoreni. Għalkemm fix-xhieda tiegħu, l-Ispettur Sant jirreferi għall-fatt illi tkellem ma' ċertu Mandy Cini u jgħid illi kien lest li jesebixxi xi stqarrijiet ġuramentati, skont hu, fuq domanda tal-Qorti, "*ta' Mandy Cini jekk minix sejjer zball*"[20] u sussegwentement, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-Prosekuzzjoni tgħid illi Mandy Cini xehdet quddiem il-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona u illi din ix-xhieda ġiet esebita fl-atti tal-kawża odjerna, tali xhieda ma tinsabx esebita fl-atti proċesswali. Skartata l-istqarrija tal-imputat, għalhekk ma tibqa' l-ebda prova fl-atti in sostenn tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet.
Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ma jirriżultawx ippruvati.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt illi qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tal-imputat, qed issib lill-istess imputat mhux ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u qegħda tilliberah minnhom.

---

[20] Ara a fol. 8 tal-proċess.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**